**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**(GHAWDEX)**

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha, 7 ta' Ottubru 2016

Avviz Numru 25/2016

Bank of Valletta Plc .

vs

Dr. Jean Paul Grech li b'digriet ta' l-1 ta' Gunju 2016 issostitwixxa lil Dr. Kevin Mompalao, bhala kuratur ghan nom u in rapprezentanza ta' Annabel Evans

It-Tribunal;

Ra' l-avviz tat-talba pprezentat fil-31 ta' Mejju 2016 illi permezz tieghu l-bank attur talab minn ghand il-konvenut nomine il-hlas ta' elf, hames mija u hamsa u tletin Ewro u erbgha centezmi (€ 1535.04) rapprezentanti debitu wara facilitajiet bankarji (credit card) akkordati lil konvenut kif msemmi fl-istess avviz. Dan bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' ittra ufficjali.

Ra' l-atti kollha.

Sema' lir-rapprezentant ta' Bank of Valletta Plc bil-gurament.

Ra’ d-digriet tas-16 ta’ Settembru 2016 illi permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi r-raprezentant ta’ Bank of Valletta Plc ikkonferma illi d-debitu baqa’ ma thallasx. Id-debitu kien wiehed relatat ma credit card account.

Illi min naha l-ohra l-kuratur deputat ma kellux kuntatt ma l-istess Anabelle Evans u l-bank attur iddikjara li ma jafx fejn siefret. Il-bank attur jghid li l-anqas hu ma rnexxilu jikkuntatjha. Ghalhekk ma ngabet l-ebda eccezzjoni fil-mertu kontra t-talba attrici li fic-cirkostanzi timmerita l-akkoljiment.

Dwar l-ispejjes jinghad illi l-ittra ufficjali de quo ma gietx esebita u ghalhekk l-ispejjes ta’ din ma jistghux jigu nkluzi fil-kap ta’ l-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-bank attur s-somma ta’ elf, hames mija u hamsa u tletin Ewro u erba’ centezmi (€1535.04). L-imghax mid-data ta’ dan l-avviz il-quddiem ghandu jiddekorri bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) u ghandu jkun imghax semplici.

Bl-ispejjez kollha, minbarra dawk ta’ l-ittra ufficcjali kontra l-konvenut nomine.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur